# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD



Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com



## LEĦEN IL-PARROĊĊA - Ġunju/Lulju 2011 - NRU. 345


Il-Paci Magħkom

Għeżież ix-xahar ta' Ġunju din is-sena sejjer jimmarka lill-parroċċa tagħna b'żewg avvenimenti sbieħ, u għalhekk għandna nkunu kburin li aħna ngħixu ġo dan ir-raħal zgħir imma mimli b'energija kbira.
Wara ħafna snin li ilu jinħaseb li l-komunita' tagħna qed tħoss il-bżonn li bħal kull parroċċa oħra, l-parroċċa jkollha Ċentru pastorali biex fiħ tkun tista tinqeda' l-komunita' kollha parrokjali, issa nistgħu ngħidu li għandna Ċentru lest u sabiħ fejn fiħ aħna l-parruċjani nkunu nistgħu nkomplu niffurmaw lilna nfusna f'aspetti differenti tal-ħajja kemm dawk spiritwali kif ukoll dawk soċjali.
Ilna minn Diċembru nagħmlu użu minn dan iċ-ċentru, imma issa wasal iż-żmien li jinfetaħ uffiċjalment. Dan sejjer issir nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju fis-7.00pm b'quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla ta' dak kollu li huwa qiegħed jagħmel magħna, kif ukoll wara sejjer ikun hemm serata b'kant u poeziji b'tema Antoniana. Għażilna din id-data għaliex iċ-ċentru huwa iddedikat lil Qaddis kbir franġiskan Sant Antnin ta' Padova u din il-ġurnata hija iddedikata propju lilu. Dan iċ-ċentru huwa għall-użu kemm pastorali, spiritwali kif ukoll soċjali. L-attivitajiet li qabel kienu jsiru fil-garaxx issa jibdew isiru f'dan iċ-ċentru. Imma mhux biss. Ħsiebna wkoll għal ġid tal-komunita' li nagħmlu librerija biex hekk inkomplu inħeġġu lil kulħadd fil-qari li huwa tant importanti. Ħaġa ferm importanti f'dan iċ-ċentru hija l-kappella tas-sagrament li sejjer ikun hemm ġewwa fiħ. Din ser tibda tinfetah darba fil-ġimgħa il-ġurnata kollha ħalli hekk inkunu nistgħu immorru nitkellmu ma Ġesu' Ewkaristija, li huwa l-qofol ta' kollox fil-ħajja tagħna. Jekk insibu iżjed nies min jista' jieħu dan l-impenn li jkun responsabbli ta' din il-kappella nkunu nistgħu niftħuha iżjed minn ġurnata waħda.

(ikompli it-tieni paġna)

Għal dan kollu jiena minn qalbi nixtieq l-ewwel u qabel kollox nirringrazzja lil Alla tas-saħħa u l-għajnuna li tagħna biex dan il-proġett hekk mistenni seta’ jitwettaq. Imma kif ukoll lil Ministru provinċjal flimkien mad-definitorju tagħna l-patrijiet franġiskani Konventwali ta’ kull għajnuna finanzjarja li huma taw biex aħna stajna nirrejalizzaw dan il-proġett. Ma irridx ninsa u ma jiena ħa insemmi l-ħadd b’ismu għaliex inkella ninsa lil xi ħadd żgur, kif ukoll hemm nies li jiena ma nafx min huma li maż-żmien għenu finanzjarment f’dan il-progett lill-kappillani ta’ qabli. Għalhekk nirringrazzja lill-benefatturi kollha li taw is-sehem tagħhom biex dan iċ-ċentru seta’ jsir. Nirringrazja wkoll lil dawk in-nies kollha li għadhom jagħtu l-għajnuna tagħhom sal lum il-gurnata kemm finanzjarjament kif ukoll materjalment permezz tax-xogħol tagħhom kif ukoll permezz tal-ħin li huma jagħtu biex inkunu nistgħu nlestu dan iċ-ċentru. Grazzi mill-Qalb lil Kulħadd.
U propju mal-ftuħ taċ-ċentru pastorali qegħdin niċċelebraw ukoll it-tieni avveniment li din is-sena il-knisja tagħna tagħlaq erbgħin sena parroċċa. Nirringrazjaw lil Alla li tana grazzja f’għeluq l-erbgħin sena parroċċa, nifttħu ċ-ċentru pastorali. Kelna nistennew erbgħin sena? Iva għaliex huwa jaf it-toroq tagħna u dak li aħna għandna bżonn fil-ħajja tagħna. Għalhekk fil-festa ta’ din is-sena li taħbat fis-26 ta’ Ġunju inkunu qegħdin infakru dawn l-erbgħin sena ta’ grazzja mingħand Alla l-Imbierek ta’ dak kollu li għamel magħna u li ser ikompli jagħmel magħna.
Tajjeb li f’dawn l-avvenimenti sbieħ li qegħdin isiru fil-parroċċa li inti tagħmel parti minnha, tieħu sehem bis-sħiħ għaliex il-presenza tiegħek tagħmel differenza. Irridu naqdfu l-barra u naħseb, għeżież ħbieb, qdifna l-barra biċċa sewwa; maltemp kelna u jibqa’ jkolna, imma fil-ħajja ma tridx taqta’ qalbek, trid tibqa miexi u tipprova tegħleb kull ostaklu li jkollok quddiemek. Dan tista’ tagħmlu permezz tat-talb u l-fiduċja f’Ġesu’ Kristu, għaliex fl’aħħar mill-aħħar huwa Huwa li qiegħed imexxi d-dgħajsa u mhux aħna. Ħafna drabi nkunu rridu aħna immexxu d-dgħajsa, imma aqwa MINNU ma hawnx, għalhekk tajjeb inħallu f’Idejk għaliex hekk qatt ma jiddispjaċina.
Tkunu imberkin u f’ismi u f’isem il-patrijiet Ħuti u l-kunsill parrokjali nagħtukom il-festa tajba mimlija imħabba, paċi u ġid f’isem il-Mulej Ġesu’.

P. Donald. M. Bellizzi OFM. Conv
Kappillan



Il-Komunita' Parrokkjali
flimkien mall-
Kunsill Pastorali Parrokkjali
jixtiequ jistiednu lill-
<u>Parrucjani</u>
ghal ftuh ufficjali tac-
Centru Parrokkjali
Sant' Antnin ta' Padova
Nhar it- Tnejn 13
ta' Gunju 2011,
fis 7.00pm
Narawkom

**Parrocca Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija,**
**Triq P. Wistin Magro Burmarrad**

## L-Indulgenzi

*L-indulgenzi X'inhuma?*

*Tagħrif fil-qosor dwar l-indulgenzi.*

*L-indulgenzi huma għotja minn naħa tal-Knisja mill-merti infiniti ta' Kristu (Flimkien ma dawk tal-Madonna u l-Qaddisin). L-Knisja hija dik li tqassamhom għall-ġid ta' wlieda. Gesu' bil ħ ajja u l-aktar bil-mewt u l-qawmien Glorjuz Tiegħu kiseb merti infiniti quddiem Alla Missieru. L-indulgenzi jitqassmu f 'żew ġ kategoriji prinċipali, dawk Plenarji u dawk Parzjali. Indulgenza Plenarja taħfer il-piena kollha kemm hi u Parzjali wieħed jiskonta parti taż-żmien. Biex wieħed jirbaħ l-Indulgenza Plenarja jrid ikun fil grazzja t'Alla, ikun qerr jew se jqerr fi ftit ġranet, jitqarben preferibilment f 'dak il jum, u jitlob Pater Ave Glorja u Kredu. Wieħed jista' jirbaħ indulġenza Plenarja kuljum billi jgħid ir-Ruzarju bid Devozzjoni.*

*Nistgħu nofruhom għall-Erwieħ tal-Purgatorju*

*L-Ħabiba tagħkom,*

*Carmena Gatt.*

(*Ikompli fil-ħarġa li imiss*)

Ingħaqdu fiż-Żwieg

Giorgina Gauci u Roderick Gauci -28/5/2011

Maghmudija

Aiden Bianco - 5 ta' Dicembru 2010

Nicholas Facciol - 11 ta' Dicembru 2010

Celline Joy Mifsud - 12 ta' Dicembru 2010

Fiona Fenech - 12 ta' Dicembru 2010

Andrew De Battista - 18 ta' Dicembru 2010

Kayden Bonnici - 19 ta' Dicembru 2010

Jerome Kyle Pisani Gaerthy - 26 ta' Dicembru 2010

Kaira Sammut - 22 ta' Jannar 2011

Kayisha Eve Mallia - 10 ta' Frar 2011

Victoria Mallia - 19 ta' Frar 2011

# Tajjeb tkun taf:

- Min jixtieq jaghmel bukkett ta' fjuri lill-Madonna fl-okkazjoni tal-festa ghandu jkellem lill-kappillan. Kull bukkett jiswa 30 euro

- Bhalma sar is-sena l-ohra sejrin nergghu infakkru l-anniversarji taz-zwieg il-Gimgha 24 ta' Gunju. Ghalhekk dawk li din is-sena qed jagħlqu xi anniversarju ta' 5 jew 10 snin u anke izjed tajjeb li jkellmu lill-kappillan.

- Prezentazzjoni tat-tfal. Din sejra ssir it-Tnejn l-ewwel jum tal-Festa. Dawk li jixtiequ li t-tfal taghhom jigu pprezentati jattendu ghal din il-quddiesa tal-20 ta' Gunju.

- Peress li din is-sena il-festa ta' Corpus Kristi sejra tahbat fil-Festa tal-Parrocca, hsiebna li Corpus Kristi fil-parrocca taghna ssir nhar l-Erbgha 22 ta' Gunju. Din sejra ssir wara l-quddiesa ta' filghaxija. F'din il-gurnata ikolna gurnata ta' esposizzjoni tas-sagrament. Inheggeg lit-tfal li ghamlu l-Ewwel Tqarbina jattendu ghall-quddiesa u l-purcissjoni li jkolna wara.

- Il-Hadd 12 ta' Gunju il-kumitat tal-festa sejjer johrog iddur bieb bieb biex jaghmel il-gabra tieghu ghal bzonnijiet tal-festa.
  Tajjeb li inkun generuzi.
  Grazzi hafna tal-koperazzjoni taghkom.

- Tajjeb li nitheggu u li nattendu ghall-funzjonijiet li sejrin isiru fil-Gimgha tal-festa titulari tal-parrocca taghna. Din is-sena il-parrocca taghlaq 40 sena parrocca. Dawn huma mumenti li jghinuna biex nikbru izjed fl'imhabba lejn ommna Marija u lejn il-Qalb taghha.

- Il-kappillan flimkien mal-komunita tal-patrijiet u l-kunsill parrokjali jawguraw il-festa t-tajba lil familji kollha.

# Kalendarju Gunju

**Il-Ħamis 2:** Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' ir-Rabat. Tluq 12.00pm minn fuq iz-zuntier tal Knisja.

**Is-Sibt 4**: l-**Ewwel Sibt tax-xahar**. Adorazzjoni ta' riparazzjoni għall-offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija. Din issir fis-6.00 fil-Knisja.

**Il-Ħadd 5:** **Jum l-Ewwel Tqarbina fil-parroċċa tagħna**. Korteo fid-9.30am mill-Muzew tal-bniet u fl-10.00am tibda il-quddiesa ta' l-Ewwel Tqarbina. Din is-sena għandna 19 tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.

**Il-Ħadd 12:** **Festa ta' Pentekoste.**
Laqgħa tal-gruppi familji insara fiċ-ċentru fl-10.30am.

**It-Tnejn 13:** **Ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru Pastorali Sant Antnin**. Fis-7.00pm. Kulħadd huwa mistieden.

**Is-Sibt 18:** Festa għall-familja kollha fuq iz-zuntier tal-Knisja. Minbarra spettaklu ta' għana u zfin ikun hemm ukoll ikel.

**Il-Ħadd 19:** Nagħtu bidu għal festa tal-parroċċa. Ħruġ tal-istatwa minn niċċa. Illum infakkru wkoll Jum il-Missier.



**Mill-20 sal-26 ta' Ġunju**

**huma jiem ta' festa**

**fil-parroċċa tagħna**

**Iżjed dettalji**

**fil-programm tal-festa**

# Kalendarju Lulju

**Is-Sibt 2:** l-Ewwel Sibt tax-xahar adorazzjoni ta' riparazzjoni għall-offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija Din issir fis-6.00 fil-Knisja.

**Il-Ħadd 3**: Dħul tal-istatwa, fejn wara jkollna BBQ fuq iz-zuntier bi spettaklu ta' muzika. Kulħadd huwa mistieden.

**Il-Ħadd 10:** Sejjer ikun hawn fostna il-Bank tad-demm. Inħeġġu lil dawk li soltu jagħtu d-demm, kif ukoll oħrajn jersqu biex jagħtu demm għaliex inkunu qegħdin ngħinu lil min huwa fil-bzonn.
Fl-10.30am laqgħa tal-gruppi familji insara fiċ-ċentru

**L-Erbgħa 13:** Lectio Divina wara quddiesa ta' filghaxija

**Il-Ħadd 17: Jum il-Grizma ta' L-isqof**. Il-Quddiesa tibda f'10.00am ta' filgħodu.

**It-Tlieta 26:** **Adorazzjoni tal-Ħniena Divina** fis-6.15 pm fil-knisja**.**

**Skola sajf din is-sena sejra tibda**
**Mill-14 ta' Lulju sat-2 ta' Settembru**
**Kuljum mid-9.00 sal-12.00**
**Għal applikazzjoni u aktar dettalji**
**rrikorru għand il-kappillan**
**Tħallux għall-aħħar.**

# TRID TMISSU LIL ALLA?

Aħna nistgħu immissuh lil Alla? Nistgħu ngħannquH magħna u nżommuH daqshekk qrib tagħna? Nistgħu ngħannqu lil dawk li nħobbu, għax nafu li huma rigal ta' Alla, biċċa minn Alla. Nistgħu immissu r-rigali tiegħU meta nżommu fjura sabiħa, jew jiġi xi farfett jew għasfur f'idejna, jew immellsu qattus jew kelb ċkejken.

Aħna nafu li Alla qiegħed f'kull ma naraw u f'dawk kollha li nħobbu. Aħna nafu li Alla qiegħed magħna, viċin tagħna, ħdejna u fina. Imma dan m'hux biżżejjed, **għax nistgħu ukoll immissu lil Alla nnifsu**! Nafu li Hu qiegħed hemm, fl-**EWKARISTIJA**. Għal dawk fostna li jemmnu fl-Ewkaristija, Alla jiftaħ il-bieb tal-Ġenna, kuljum jekk nixtiequ. U dan il-bieb li jdaħħalna l-Ġenna, jinfetaħ kull darba li aħna nirċevuĦ fl-Ewkaristija. Imkien iżjed f'din id-dinja ma nistgħu immissu lil Alla. Imkien iżjed f'din id-dinja ma nistgħu immissu biċċa mill-Ġenna, għax l-Ewkaristija hija Ġismu.

Meta aħna nersqu lejn l-altar biex nirċievu l-Ġisem ta' Kristu, Huwa jiftaħ il-bieb tal-Ġenna u jersaq lejna. Aħna mmissu l-Ġisem t'Alla u Hu jmiss tagħna. F'dak il-mument, aħna u Hu insiru ħaġa waħda.

Iva, aħna naraw lil Alla f'dak kollu li għamel. Iva, aħna mmissu xogħol idejH meta mmissu r-rigali tiegħu għalina. Imma mmissu lilU, immissu Ġismu, immissu l-Ġenna, meta nirċievu l-Ewkaristija. Aħna nersqu biex nirċievu lil Ġismu, u Ġesu' jiftaħ il-bieb tal-Ġenna u jersaq lejna. Hu jrid li aħna nersqu lejH.

Hu jħallina mmissuH.
Hu jħallina mmissu biċċa mill-Ġenna. L-Ewkaristija hija rigal mill-Ġenna.




Kull ġurnata li ngħixu, qegħdin nersqu eqreb lejn il-bieb tal-Ġenna. F'kull ġurnata ta' ħajjitna aħna nistgħu immissu l-Ġenna. L-għażla hija tagħna biss. Meta nagħżlu li nersqu lejH u naqbdulu jdejĦ, il-bieb tal-Ġenna jinfetaħ għalina kull darba. U f'Dak il-Jum li Huwa jagħżel, aħna se naraw il-glorja tal-Ġenna. Huwa se jiġi għalina. Huwa se jerġa' jmissna u se jerġa' jaqbdilna jdejna. Imma din id-darba........Hu se jżommilna jdejna sew, ma jmurx jitlifna għal dejjem. Huwa se jdaħħalna miegħU mill-bieb tal-Ġenna.

Huwa se jżommilna jdejna għal dejjem....għax aħna nkunu għażilna li mmissu l-Ġenna waqt li għexna f'din id-dinja tiegħU.

J'Alla dawn il-ftit ħsibijiet sbieħ u sempliċi li nkitbu għat-tfal li jkunu se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina, jgħinuk issir tħobb l-Ewkaristija aktar u aktar.

Titlifx tqarbina, u ħudhom lit-tfal ħalli jitqarbnu kemm jista' jkun kuljum.



FORMAZZJONI TAG}NA U TA' ULIEDNA

## Ngħallmu ‘l uliedna Sensittivita’ u Rispett lejn il-Ħajja fil-forom varji tagħha

Naħseb li kull min isegwi l-aħbarijiet lokali ma jistax ma semax bi Star, il-kelba li nstabet midfuna ħajja, b’saqajha u jdejha marbutin u b’tir ġo rasha li kkawżalha ġerħa kerha ħafna, lejn l-inħawi ta’ Għar Ħasan fid-dsatax ta’ Mejju. Jien din l-istorja kedditni ħafna għal diversi raġunijiet. L-aktar waħda ovvja hi li jien il-klieb inħobbhom ħafna, u peress illi dejjem kellna u għad għandna xi kelb jgħix magħna, naf kemm dan l-annimal isir iħobb lil sidu, kemm jitgħallem u jżomm kumpanija lil bniedem, kif ukoll kemm hu kreatura, bħall-annimali l-oħra kollha, li jistħoqqilha kull rispett mill-bniedem. Iżda din l-istorja inkwetatni u sewwditli qalbi wkoll għax uriet sa fejn hu kapaċi jasal il-bniedem, kemm jista’ jinżel fil-baxx, kemm jista’ jmewwet il-kuxjenza tiegħu, kemm jista’ jasal f’punt fejn ma jibqagħlu l-ebda sensittivita’ għal kreaturi oħra!
Diversi persuni u anki l-veterinarju li opera lill-kelba qalu illi dak li għaddiet minnu Star hu riżultat ta’ moħħ marid. Li hu żgur hu illi sitwazzjonijiet bħal dawn jirrappreżentaw nuqqas ta’ sensittivita’ lejn il-ħajja fil-forom diversi tagħha – jista’ jkun li l-persuna kien marid u jista’ jkun li ma kienx. Meta kont naħdem fil-qasam soċjali kont niltaqa’ u naħdem ma’ persuni li kellhom problemi ta’ saħħa mentali b’mod regolari u nista’ ngħid illi qatt ma ltqajt ma’ persuni illi wettqu krudelta’ bħal din. Anzi ħafna minnhom ikollhom qalb kbira u jħossu ħafna l-uġigħ li jkun għaddej minnu ħaddieħor. Allura rridu noqogħdu attenti meta noħorġu b’dawn it-timbri għax donnhom jissuġġerixxu li kull min ikollu mard mentali donnu jsir bla qalb, u dan żgur mhuwiex il-każ!
Ħafna drabi huwa faċli li nwaħħlu f’moħħ marid għax hekk inkunu qed inserrħu moħħna illi min għamel dan ir-reat hu differenti minna. Nagħmlu hekk għax meta naraw sa fejn kapaċi jasal il-bniedem dan

iħammrilna wiċċna. Iżda min ħaqar lil Star hu bniedem bħalna, kien tarbija ħelwa kif ikunu t-trabi kollha, kien tifel jew tifla innoċenti j/tilgħab ma' l-oħrajn u allura wieħed bil-fors jistaqsi x'mar ħażin biex ġara li ġara. Ħafna studji juru illi persuni li jwettqu reati bħal dawn fuq ħlejjaq oħra, bnedmin jew annimali, ikunu għaddew minn esperjenzi diffiċli ħafna fil-ħajja tagħhom illi bħal donnhom jeqirdulhom it-tjubija li teżisti f'kull bniedem, u b'hekk ir-ruħ tagħhom tmut; ma jibqgħux kapaċi jħossu għal dawk ta' madwarhom. Kemm hi ħaġa kerha din meta taħseb dwarha!

U meta rriflettejt fuqha ħsibt dwar x'responsabbilta' kbira għandhom il-ġenituri kif ukoll dawk kollha li huma edukaturi biex irawwmu fit-tfal sensittivita' u rispett lejn il-ħajja. U biex jitrawwmu s-sensittivita' u r-rispett ma rridux inkunu għaddejjin qisna muturi, minn ħaġa għall-oħra, bla nifs. Għandna bżonn inkunu kalmi, b'għajnejna miftuħin għal dak li qed jiġri madwarna, u lesti nużaw il-ħin tagħna biex nedukaw lil uliedna permezz tal-ħolqien ta' madwarna. Irridu aħna stess inkunu sensittivi għan-natura ta' madwarna.

Ma rridux inkunu bħal ħafna llum, li m'għandna ċans għal xejn ħlief biex niġru minn xogħol għall-ieħor, u nwasslu 'l uliedna mill-privat għal vjolin! Mhux għax dawn huma affarijiet negattivi, iżda mhumiex biżżejjed biex it-tfal tagħna jikbru f'ċittadini sħaħ! Biex dan iseħħ għandna bżonn li aħna stess ma nkunux aljenati b'ħafna affarijiet materjali u ninsew dak li hu essenzjali! Naħseb din hi waħda mill-kriżijiet li qed naraw illum fit-trobbija ta' l-ulied – nikkonċentraw fuq dak li hu rfinut iżda ninsew il-bażiku, ninsew dak illi lil bniedem jagħmlu bniedem, ninsew niffurmaw ir-ruħ, il-ġewwieni tal-qalb ta' uliedna!

Kemm jagħmlilna tajjeb li mmorru lura lejn l-għeruq kif għamel San Franġisk u nerġgħu nitħabbu man-natura ta' madwarna! B'hekk inkunu nistgħu aħna wkoll napprezzaw x'ried ifisser San Franġisk meta lill-qamar, lix-xemx u l-kreaturi kollha li tant kien iħobb kien iqishom bħala ħutu! J'Alla aħna wkoll jirnexxilna nrawwmu dan is-sens ta' rispett lejn il-ħlejjaq u n-natura kollha fit-tfal tagħna għax b'hekk inkunu qed nassiguraw l-iżvilupp sħiħ tagħhom li jagħmilhom persuni aktar sħaħ, bnedmin ta' vera!

U finalment minn hawnhekk nitolbu maħfra lil Star għal dak li għaddiet minnu taħt idejn il-bniedem u nawgurawlha li ssib sidien li tassew jirrispettawha u jdewwquha n-naħa l-oħra tal-bniedem – il-ħlewwa u t-tjubija!

Daniella Zerafa

***Parrocca Qalb Bla Tebgha Ta' Marija***
***Burmarrad***

Min jixtieq li din is-sena jerfa' fl-istawa fil-festa li ser issir fit-26 ta' Gunju 2011, mitlub jimla` din il-formola u jaghdiha lil kappillan, sa nhar il-Hadd 12 ta' Gunju 2011.

Kundizzjonijiet ma ghandniex imma dawk li behsiebhom jimlew din il-formula irridu jaghtu kelma li jghinu fl'armar tal-festa flimkien mal-membri tal-kumitat.

L-ghazla ta' dawk li sejrin jerfghu l-istatwa hija decizjoni tal-kappillan.

Il-Kappillan.

---

Isem u Kunjom:

________________________________________

Indirizz:

________________________________________

________________________________________

________________________________________

Tel. no. / Mobile:

________________________________________